MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 2228/2003

**Alfred u Mary konjugi Cascun**

**Vs**

**George Micallef**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm225) rapprezentanti arretrati ta’ hlas ta’ licenzji ghall-gestjoni tal-hanut Dione’s Pub f’San Pawl il-Bahar ghas-snin 1998, 1999, 2000 u 2001 u dan skond skrittura privata bejn il-partijiet datata 6 ta’ Dicembru, 2001.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi kull ammont dovut bhala licenzja ghall-gestjoni tal-hanut Dione’s Pub f’San Pawl il-Bahar ghas-snin 1998, 1999, 2000 u 2001 gew debitament imhallsa mill-konvenut lill-

awtoritajiet kompetenti u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza. Isegwi illi l-konvenut m'ghandu jaghti xejn lill-atturi.

Sema' x-xhieda ta' Alfred Cascun, Dr Michael Camilleri, WPC 33 Doris Muscat, Charles Muscat u Maria Theresa Busuttil.

Ra li l-konvenut qatt m'attenda ghas-seduti quddiem dan it-Tribunal u ma ressaq l-ebda provi.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Edward Gatt ghall-atturi u Dr Reuben Farrugia ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li permezz ta' skrittura privata tal-5 ta' Mejju, 1997 l-atturi krew lill-konvenut il-hanut li jismu Dione's Pub f'Upper Bugibba Road, Bugibba, taht varji pattijiet u kundizzjonijiet u partikolarment, fi klawsola numru disgha (9) hemm miktub:

*"all permits and other obligations shall be paid by the lessee"*

Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' l-attur illi l-kirja ntemmet fl-2001 izda in segwitu l-atturi gew mitluba sabiex ihallsu l-licenzji ta' l-NTOM li ghas-snin 1998, 1999 u 2000 kienu tnax-il lira Maltin u hamsin centezmu (Lm12.50c) fis-sena u ghall-2001 kienu mija u sebgha u tmenin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm187.50c). Fil-fatt huwa kien ircieva kont ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) li jkopri kemm il-perjodu 1998-2001 kif ukoll is-snin 2002 u 2003 liema kont thallas mill-attur.

Kien hemm xi pendenzi wkoll mal-*Police Licenses* izda mid-dokumenti esebiti jidhru li dawn thallsu proprju mill-konvenut skond id-dokumenti a fol 36 tal-process.

Illi ghalhekk jidher car li l-unika ammonti li ma hallasx il-konvenut kienu l-licenzji ta' l-NTOM fuq imsemmija tas-

snin 1998, 1999, 2000 u 2001 li kif fuq spjegat jammontaw ghal mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm225) li hu proprju l-ammont mitlub f'din il-kawza u a bazi tad-dokumenti esebiti u x-xhieda prodotti, jirrizulta wkoll li dawn l-ammonti ghandhom jithallsu mill-konvenut.

Stante li kienu l-atturi li hallsu dan l-ammont, il-konvenut huwa obbligat li jirrifondihom.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talba ta' l-atturi u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm225) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------